MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Numru. 1212/2011

**Il-Pulizija
[Spettur Tony Cachia]**

**Vs**

**Renald Attard**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Renald Attard detentur tal-karta tal-identita` numru 582881(M).

Akkuzat talli

Nhar l-1 ta’ Lulju 2011 ghall-habta tas-18:30hrs gewwa l-fabbrika “Methode Electronics” gewwa qasam industrijali fl-Imriehel Qormi, volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè “monitor” tat-tip “touch screen” liema hsara tammonta

ghall-1165 Ewro ghad-detriment tal-kumpanija “Methode Electronics”:

U aktar talli sar recidiv wara li kien gie kkundannat ghal reat b’sentenza li saret definittiva;

U aktar talli wara li kien ikkundannat ghal delitt, ghamel delitt iehor.

Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih u li kkonferma l-akkuzi wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu;

Rat il-ftehim li l-imputat qed ihallas l-ammont dovut f’rati mensili.
Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 issib lill-imputat hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor zmien tmintax-il xahar mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------